MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 50/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Rodnick Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Lulju 2010 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Christa Vella w/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta’ Frar 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w timmodifikaha billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza dedotta kontra tieghu, tvarjaha in rigward tal-piena w dan billi tibdel il-piena ghal wahda inqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghmilha cara illi f’kaz illi jkun hemm recidivita` fil-ksur ta’ dan l-artikolu, l-hati jista` jehel piena ta’ detenzjoni ta’ mhux aktar minn tliet xhur jew multa ta’ mhux izjed minn mitejn Euro jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahrejn. Ghal din il-kontravvenzjoni in partikolari, allura l-ligi qed tirrizerva l-piena ta’ detenzjoni ghall-kaz biss li jkun hemm recidivita`, u dan proprju ghaliex kieku l-ligi ma kinitx tiddistingwi bejn kaz fejn ikun hemm recidivita` u iehor fejn ma jkunx hemm. Jigi ghalhekk allura illi f’dan il-kaz, fin-nuqqas ta’ prova dwar ir-recidivita` ta’ l-appellant (li fattwalment ma tezistix lanqas), l-Ewwel Qorti ma setghetx taghti piena ta’ detenzjoni.

Illi f’kull kaz, dato ma non concesso, illi setghet tigi nflitta piena ta’ detenzjoni, din kienet l-ewwel kontravvenzjoni ta’ l-appellant u jigi sottomess illi l-Ewwel Qorti kienet harxa wisq fil-piena li nfliggiet. Dan tenut kont ukoll li l-appellant ghandu kondotta nadifa.

Illi jigi sottomess ukoll illi l-appellant fil-mori ta’ dan l-appell ser ikun hallas l-ammont kollu minnu dovut.

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta’ l-appell tieghu l-appellant qieghed jilmenta illi bhala l-ewwel reat tieghu ma messux gie kkundannat ghal gimgha detenzjoni izda piena ohra anqas onoruza. Il-fatti

pero’ m’humiex in diskussjoni. Huwa minnu illi fix-xahar ta’ Lulju ta’ l-2010 l-appellant naqas illi jhallas lil Krista Vella l-ammont iffissat mill-Qorti bhala manteniment ghal uliedhom. Pero’ fil-mori ta’ din il-kawza l-appellant hallas lil Krista Vella l-ammont dovut lilha. Huwa dak li jirrigwardja din il-kawza ma hemmx pendenzi bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwardja l-htija quindi din il-Qorti jidrilha illi m’ghandux ikun hemm varjazzjoni mid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti, pero’ la darba l-hlas sar fil-mori ta’ din il-kawza jista’ jista jkun kaz ta’ temerament tal-piena. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija vs Publius Said deciza fil-25 ta’ Settembru 2003 il-Qorti qalet “L-iskop tal-legzlatur, meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1993 (bl-emmenda tan-1996) kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikarcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur ta’ l-ordnijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta’ stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F’dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta’ temperiment fil-piena ...” U dan hu propju illi se taghmel din il-Qorti f’dan il-kaz.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tvarja s-Sentenza ta’ l-ewwel Qorti ta’ l-24 ta’ Jannar, 2001 fejn fil-waqt illi tikkonferma d-dikjarazzjoni ta’ htija, tvarja u timmodifika l-piena nflitta fis-sens illi flok il-kundanna ta’ gimgha detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti ta’ l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------